MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 321/2000/1

**Rosina Greenaway mart David John Greenaway**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u Joseph Agius, fil-kwalita` tieghu ta’ eredi ta’ Bernardo Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici, twieldet fid-19 ta’ Settembru, 1947, u giet irregistrata bhala bint Filomena mart Carmel Borg, u missier mhux maghruf, kif jidher mil-Att tat-Twelid, nurmu progressiv 8985 ta’ l-1947, anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. A;

Premess illi l-imsemmija Filomena Borg, xebba Mifsud, kienet ghal aktar minn ghaxar snin qabel dan it-twelid, gia` legalment separata, in forza ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, tat-23 ta' Novembru 1936, fl-ismijiet "Filomena Borg vs Carmelo Borg";

Premess illi, l-attrici minn dejjem taf li missierha huwa Bernardo Agius, bin il-mejtin konjugi Carmelo Agius u Bartolomea xebba Pullicino, imwieled Birkirkara, fit-18 ta' Awissu 1906 (Dok. C), u li kien barklor u miet l-Ingilterra fit-12 ta' Novembru 1970;

Premess illi wara l-imsemmija seprazzjoni, u qabel il-koncepiment ta' l-attrici, l-imsemmi Bernardo Agius, kien jghix fl-istess dar ma' omm l-attrici u uliedha, fosthom ukoll iben minn tieghu cioe` il-konvenut Joseph Agius, hu l-attrici, li twieled fl-1943;

Premess illi l-attrici dejjem ippossediet l-istat ta' bint naturali ta' Bernardo Agius, fis-sens illi dejjem tratta u kkunsidra bhala bintu, u provda sa fejn seta' ghall-manteniment u t-trobbija taghha, illi anke pubblikament kienet maghrufa bhala bintu u anke l-attrici stess kellha fil-fatt, konoxxenza sew diretta tieghu, bhala missier;

Premess illi l-attirci trid li jirrizulta l-istat reali taghha, u cioe` ta' bint naturali ta' l-imsemmi Bernardo Agius, u dana skond kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tidddikjara lill-attrici Rosina Greenaway, bhala l-bint naturali tal-mejjet Bernardo Agius, bin il-konjugi mejtin Carmelo Agius u Bartolomea xebba Pullicino, imwieled Birkirkara fit-18 ta' Awissu, 1906 (Dok. C);

2. Konsegwentement, tordna li jigi korrett l-Att tat-Twelid ta' l-attrici, numru progressiv 8985 ta' l-1947, (Dok. A), fis-sens illi: a) fl-ewwel lok, fejn hemm imnizzel 'Taghrif dwar missier it-tarbija', taht il-kolonna intestata 'Isem u Kunjom', jithassru il-kliem "Unknown father", u jigi inseriti isem u kunjom missier l-attrici "Bernardo Agius", u

taht il-kolonni l-ohra, cioe` taht ‘Professjoni, sengha jew stat iehor’ jitnizzel “Barklor”, taht ‘Eta`’ “41”, taht ‘Fejn Twieldu, Joqghodu’ “Birkirkara” u “Sliema”, u taht il-kolonna ‘Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ jitnizzel “Carmelo Agius”; . b) Fit-tieni lok, fejn hemm imnizzel ‘Taghrif dwar l-omm’, jithassru il-kliem “Filomena wife of Carmel Borg from whom she is legally separated as per judgement devlivered by the First Hall of His Majesty’s Civil Court on the 23rd November, 1936” u minflok jigu inseriti l-kliem “Filomena Borg, nee` Mifsud”;

3. Tordna wkoll li jigi korrett l-Att taz-Zwieg ta’ l-attrici ma’ zewgha David John Greenaway, numru progressiv 1287 ta’ l-1971, (Dok. D), fis-sens illi fejn hemm imnizzel ‘Taghrif dwar il-mara’: a) fl-ewwel lok, taht il-kolonna ‘Isem u Kunjom’, il-kunjom “Mifsud”, jithassar u jigi inserit floku il-kunjom “Agius”; b) fit-tieni lok, taht il-kolonna intestata ‘Missirijiet u ommijiet l-gharajjes’ u taht l-intestatura l-ohra ‘L-isem u l-kunjom, jekk hajjin jew mejtin’, jithassru il-kliem “unknown father” u jigu inseriti l-kliem “Bernardo Agius, (Dead)”, u jithassru wkoll il-kliem “Philomena nee` Mifsud wife of Carmel Borg (living)” u minflok jigu inseriti il-kliem “Philomena Borg, nee` Mifsud (living)”;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha huwa eccepixxa:-

1. Fil-mertu illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna;

2. Illi bla pregudizzju, in kwantu ghal paragrafu (b) tat-tielet talba attrici fejn qed jintalab sostituzzjoni tal-kliem “Philomena nee` Mifsud wife of Carmel Borg (living)”, kif

ukoll in kwantu ghal paragrafu (b) tat-tieni talba attrici, dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda stante li d-dikjarazzjonijiet ezistenti fil-kolonni relattivi ta' l-att taz-zwieg numru 1287/1971 u ta' l-att tat-twelid numru 8985/1947 jirriflettu l-istat konjugali ta' l-omm fil-mument tat-twelid u taz-zwieg ta' l-attrici;

3. Illi peress li l-presenza ta' l-esponent fil-vertenza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijiet ta' l-eventwali ezegwibilita` tal-gudizzju, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-Verbal ta' l-Udjenza tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn il-konvenut Joseph Agius ammetta ghat-talbiet attrici;

Rat id-digriet tal-31 ta' Ottubru 2000, li permezz tieghu gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Chris Cilia biex jigbor il-provi;

Rat in-noti pprezentati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-attrici, imwielda fid-19 ta' Settembru 1947 qed tallega li hi bint naturali ta' Bernardo Agius, li miet l-Ingilterra fit-12 ta' Novembru 1970, u ghaldaqstant qed tippretendi li c-Certifikat tat-Twelid taghha numru progressiv 8985/1947, esebit a fol. 5 tal-process, ghandu jigi rettifikat biex jaghti fidi l-fatt li hi bint il-persuna fuq imsemmija;

Il-provi f'din l-istanza jistghu jigu hekk kompendjati:-

(i) Omm l-attrici, Filomena, kienet mizzewga lil certu Carmelo Borg, pero` b'sentenza tat-23 ta' Novembru 1936 (fol. 7) giet dikjarata l-firda personali bejniethom;

(ii) Ix-xhud Josephine Berry tistqarr fl-Affidavit taghha (fol. 30) illi hi bint Filomena u Carmelo Borg. Inoltre tikkonferma ukoll li taf li wara s-separazzjoni tal-genituri taghha, ommha kellha relazzjoni ma' Bernardo Agius. Minn din ir-relazzjoni ommha kellha xi hamest itfal ohra, apparti mill-attrici u huha l-istess Joseph Agius, konvenut f'din il-kawza. Fil-fatt, tistqarr, li kienet hi stess li lill-ulied li baqghu hajjin taghthom l-ismijiet ta' Joe u Rosina;

(iii) L-attrici iddeponiet (seduta 15 ta' Marzu 2001) kif iltaqghet l-ewwel darba ma' Bernardo Agius u li dan irrikonoxxiha bhala bintu tant li aktar tard siefret ukoll mieghu sa' Londra. Nonostante li missierha irritorna lura l-Ingilterra, fejn kien mizzewweg lil wahda ta' nazzjonalita` Irlandiza, hi baqghet f'kuntatt mieghu;

(iv) Ix-xhud Joseph Agius jaccetta li l-attrici hi ohtu u li Bernardo Agius kien missierhom. Huwa rrefera wkoll ghad-decizjoni tal-15 ta' Dicembru 1987 li kopja taghha hi esebita a fol. 17 fejn intlaqghet it-talba li kien ressaq hu ghal korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tieghu biex ikun rikonoxxut bhala iben l-imsemmi Bernardo Agius;

Huwa pacifiku f'kazijiet ta' din ix-xorta fejn l-ulied ikunu qed jintentaw tfittxija ta' paternita` - dritt rizervat lilhom biss jew lill-werrieta taghhom, f'dawk il-kazijiet biss kontemplati fl-Artikolu 85 tal-Kodici Civili - "*il giudicante ... deve usare molto circospezione perche il sentiero si rivela tutto irto di difficolta`*" (**Vol. XXVII P I p 437**). Hi fil-fatt massima gurisprudenzjali illi l-paternita` naturali hemm bzonn li tirrizulta minn provi gravi, precizi u rassikuranti, kif huma hekk rikjesti mill-importanza ekonomika u mill-indoli delikata u morali tal-gudizzju tar-ricerka tal-paternita`;

Ciononstante dan ma jfissirx illi fejn misthoqq il-gudikant ghandu, anke jekk ifittex u juza l-massima cirkospezjoni, joqghod lura u ma jakkoljix domanda li tkun qed titlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta, bhal ma hu l-kaz taht konsiderazzjoni, l-attrici verament ma jkolliex pussess ta' stat konformi ghal dak l-att tat-twelid;

Mill-fatti akkwiziti l-Qorti hi moralment konvinta illi l-identita` ta' missier l-attrici fil-persuna ta' Bernardo Agius giet ben stabbilita` u dan kif evidenzjat mix-xhieda ta' huha, il-konvenut Joseph Agius, u mid-deposizzjoni ta' ohtha mill-omm, ix-xhud Josephine Berry. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' d-domanda principali ta' l-attrici billi wkoll din tissodisfa r-rekwiziti a norma ta' l-Artikoli 80, 81 u 82 tal-Kodici Civili;

B'dana kollu din il-Qorti ma tistax taccetta li fl-Att tat-Twelid ta' l-attrici tigi akkordata l-korrezzjoni pretiza mill-attrici fid-domanda 2(b). Dan in kwantu t-taghrif kontenut fid-dokument oppugnat huwa xhieda ta' fatti veri u storici li ma jistghux, u ma ghandhomx, jigu kancellati fuq mera xewqa. Dan it-taghrif huwa awtentiku u, minghajr ombra ta' dubju, anke ghaliex hu sostenut minn dokumenti ohra u mix-xhieda, jipprova li dak li jikkontjeni fil-fatt kien hekk u ghandu jitqies korrett. Wara kollox dak kien l-veru stat ta' fatt ezistenti fil-mument tat-twelid ta' l-attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi bili takkolji l-Ewwel Talba tac-citazzjoni u tiddikjara li l-attrici hi l-bint naturali tal-mejjet Bernardo Agius, bin il-konjugi mejtin Carmelo Agius u Bartolomea xebba Pullicino, imwieled Birkirkara fit-18 ta' Awissu 1906;

Tilqa’ wkoll it-Tieni Talba izda dan limitament gha-rettifika mitluba f'paragrafu (a) ta' din id-domanda. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid ta' l-attrici, numru progressiv 8985 ta' l-1947 jigi korrett fis-sens illi fejn hemm imnizzel "Taghrif dwar missier it-tarbija", taht il-kolonna intestata "Isem u Kunjom", jithassru l-kliem

'Unknown father" u jigu inseriti isem u kunjom missier l-attrici "Bernardo Agius" u taht l-kolonna "Professjoni, sengha jew stat iehor" jitnizzel "Barklor", taht "Eta`" "41", taht "Fejn Twieldu, Joqoghdu", "Birkirkara" u "Sliema", u taht il-kolonna "Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" jitnizzel "Carmelo Agius", "mejjet";

Tilqa' wkoll it-Tielet Talba u tordna l-korrezzjoni ta' l-att taz-zwieg ta' l-attrici numru progressiv 1287 ta' l-1971 izda dan ukoll limitatament kif gej in kwantu jolqot it-"Taghrif dwar il-mara", taht il-kolonna "Isem u kunjom" jithassar il-kunjom "Mifsud" u jigi inserit floku il-kunjom "Agius" mentri taht il-kolonna intestata "Missirijiet u ommijiet l-gharrajjes" in kwantu jolqot l-intestatura "L-isem u l-kunjom, jekk hajjin jew mejtin" jithassru l-kliem "unknown father" u jigu inseriti l-kliem "Bernardo Agius", "mejjet".

L-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-attrici.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

_________________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur